MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1185/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Richard Ian Borg (I.D. No. 363476(M)) u l-istess Richard Ian Borg**
**Vs**
**Horace Grixti**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-30 ta' Mejju, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 194.90 (mija u erbgħa u disgħin liri Maltin u disgħin ċenteżmu) rappreżentanti danni sofferti f'inċident stradali nhar is-7 ta' Ottubru, 2004 f'Birkirkara.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Prevja li tiddikjara lill-konveut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara f'Naxxar Road, Birkirkara, fis-7 ta' Ottubru, 2004, li fih kienu nvoluti il-vettura KRB 901 propjeta' ta' l-attur, Richard I. Borg u l-

vettura JAV 398, misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta’ ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ mija u ergħa u disgħin liri Maltin u disgħin ċenteżmu (Lm 194.90) jew somma oħra verjuri rappreżentanti danni sofferti u spejjeż inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bħala kaġun ta’ l-inċident premess.

Bl-ispejjeż inkużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali kontestwalment mibgħuta ma’ dan l-avviż a tenur tal-Kap. 104, bl-imgħaxijiet legali mid-data ta’ l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ingħad illi:-

Illi t-talba tas-soċjeta’ attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjeta’ attriċi, stante li l-konvenut ma kienx responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta’ Ottubru, 2004 f’Naxxar Road, Birkirkara, bejn il-vettura targata KRB 901, propjeta’ ta’ Richard I. Borg u l-vettura JAV 398 misjuqa mill-konvenut.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba tas-soċjeta’ attriċi fil-konfront tal-konvenut, għandha tiġi respinta minn dan l-Onorabbli Tribunal, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjeta’ attriċi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-attriċi tallega illi hija waqfet għax ħarġet karozza mill-“parking” u biex ma tidħolx fiha u l-konvenut daħal ġo fiha. Waqt li l-konvenut jallega li waqfet u ġiet bir-“reverse” biex tipparkja.

Hija sintomatika li f'dawn il-proċeduri li jkun hemm din il-kontestazzjoni dwar effettivament xi jkun ġara u ma ġarax aktar u aktar meta tkun daqqa minn wara.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkummentax illi lanqas ikun hemm qbil dwar il-manuvri li suppost saru bejn iż-żewġ vetturi f'dak il-mument propizju li tissuċċiedi l-kolliżjoni.

Il-verżjoni mogħtija miż-żewġ partijiet hija differenti u konfliġġjenti minn dak allegatament li sar fuq il-post tal-kolliżjoni għal dak li sar sussegwentement meta taw ix-xhieda tagħhom quddiem dan it-Tribunal.

Iż-żewġ verżjonijiet mogħtija huma t-tnejn li huma possibbli pero` t-Tribunal kif ġja kellu okkażjoni jirribadixxi jrid jaqta' l-kawża fuq bilanċ ta' probabilita` u mhux sempliċement ta' possibilita`.

Iż-żewġ versjonijiet huma verosimili, pero` jibqa' l-fatt li min jagħti d-daqqa minn wara għandu oneru akbar biex jipprova illi r-raġuni mogħtija għaliex ta' quddiem waqfet ma tinkwadrax ruħha f'dawn l-eċċezzjonijiet fejn din ir-regola li ta' quddiem ikollu t-tort . Huwa sintomatiku ukoll li min isuq wara vettura oħra għandu jżomm sia proper lookout u sia distanza raġjonevoli biex f'każ ta' xi eventwalita` jkun jista' jwaqqaf il-vettura tiegħu mingħajr ma jidħol fiha u dina l-konvenut ma rnexxilux jagħmilha.

Il-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mija erbgħa u disgħin lira u disgħin centezmu (Lm194.90) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------